# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu 2001**

**Numru 3**

**Avviz numru 80/00mm**

**Tarcisio u Maria Concetta konjugi Gatt**

**vs**

**Raphael Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fl-24 ta' Jannar 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja d-dikjarazzjoni li l-incident stradali li gara fit-28 ta' Frar,1999 f'Main Street, Mgarr, Malta meta huwa habat bil-vettura minnu misjuqa bin-numru tar-registrazzjoni BBD 947 mal-vettura misjuqa mill-attur Tarcisio Gatt bin-numru ta' registrazzjoni IAB 793 li hija proprjeta' ta' l-istess atturi, gara b'tort uniku tieghu minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, jhallas lill-atturi l-ammont ta' erba' mija u tmienja u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm438.15c)

rapprezentanti danni kagonati lilhom b'rizultat ta' l-incident riferit.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Lulju 1999, u ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 1999 u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data ta' l-eventwali pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-attur Tarcisio Gatt minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Tarcisio Gatt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-atturi;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi sar l-Imgarr Malta fit-28 ta' Frar 1999 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara

nofs-in-nhar f'Main Street l-Imgarr wara l-knisja bejn il-karozza Opel Corsa BBD 947 misjuqa mill-konvenut u karozza Peugeot 205 IAB 793 misjuqa mill-attur Tarcisio Gatt.

Gatt xehed illi huwa kien qed idur mal-knisja u kif gie f'tarf ta' Church Street kif jidher fl-isketch a fol 36 tal-process huwa waqaf u hares fil-mera li kien hemm faccata ghal go Main Street. Wara dan, huwa beda jdur lejn ix-xellug fid-direzzjoni tal-Gnejna u kif gie ma l-splay tal-bank jara karozza gejja f'nofs it-triq faccata tieghu bi speed elevat. Dana bbrekja pero' ma setghax jieqaf fil-hin u sar l-incident. Il-hsarat tieghu kienu koncentrati fuq quddiem in-nahha tal-lemin, fuq il-mudguard, il-bonnet, il-faccata u l-fanal. Il-karozza l-ohra kellha hsarat ukoll fuq quddiem il-lemin bejn wiehed u iehor l-istess partijiet. Jikkorroboraw l-attur kien hemm martu Maria Concetta Gatt kif ukoll il-kugina taghha Guza Bonnici.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid illi huwa kien qed isuq il-karozza tieghu b'velocita' ta' madwar 60 kilometru fis-siegha fid-direzzjoni tal-knisja. Kien qed isuq go Main Street li minghalih kienet on*e way* fid-direzzjoni li kien qed isuq. Kien ghalhekk li zamm bejn wiehed u iehor ghal nofs it-triq. Kif wasal vicin il-kantuniera ra l-karozza misjuqa mill-attur hierga minn Church Street, ghafas il-brake izda ma rnexxielux jevita l-kollizzjoni u baqa diehel fuq il-karozza. Jghid illi dina ma waqfitx fil-kantuniera izda qabdet u harget minn Church Street.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn il-provi il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut kien daqsxejn imprudenti meta kien qed isuq b'dik il-velocita' fl-abitat. Veru illi ma kienx qed jaccedi l-massimu permessibbli b'xi velocita' kbira, pero' xorta jibqa' l-fatt illi huwa kien imprudenti. 60 kilometru fis-siegha f'post abitat huwa daqsxejn wisq u ma hemmx dubbju li din il-velocita' kkontribwiet mhux hazin ghal dan l-incident. Barra minn hekk, kif jidher mill-isketch il-konvenut kien qed izomm wisq ghan-nofs it-triq. Fuq in-nahha tax-xellug tieghu kien hemm karozzi pparkjati fejn allura jillimitaw aktar il-parti karreggjabbli, u jekk wiehed iqis dik il-parti allura l-konvenut ikun qieghed kwazi *wrong side*.

Minn nahha l-ohra, l-attur ma jidhirx illi ghamel xi zbalji fis-sewqan tieghu. Veru illi jidher illi qieghed daqsxejn 'l barra mill-isplay illi hemm quddiem il-bank, pero' fuq in-nahha tax-xellug hemm ukoll karozzi pparkjati fejn dana wkoll igieghel lill-vetturi illi jsuqu kemm kemm il-barra lejn nofs it-triq. Mill-posizzjoni fejn kien qieghed isuq il-konvenut ma kienx possibli ghalih jara jekk il-karozza misjuqa mill-attur waqfitx jew le f'tarf Church Street u kien ghalhekk forsi illi dan qal illi dana qabad u dar. Bil-velocita' illi kien qed isuq il-konvenut naqqas il-possibilta' tieghu illi jirreagixxi ghal kull emergenza li setghet tinqala meta wasal fil-kantuniera u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu jahti unikament u esklussivament ghal dan l-incident peress illi kien qed isuq b'vecolita' eccessiva u di piu' mhux fuq in-nahha proprja tieghu tat-triq u ghalhekk it-talba attrici timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku illi gara f'Main Street, Mgarr,Malta fit-28 ta' Frar,1999 bejn il-karozza Opel Corsa BBD 947 misjuqa mill-konvenut u l-karozza Peugeot 205 IAB 793 misjuqa mill-attur u dana minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' erba mija u tmienja u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm438.15c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallashom din is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg